

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1275/2009**tal-21 ta' Diċembru 2009****li jstabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Mediterran, minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ⁽¹⁾ [il-Politika Komuni tas-Sajd], u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni ⁽²⁾ [il-Politika Komuni tas-Sajd], u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid ⁽³⁾, jstabbilixxi l-kwoti għall-2009.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew minn bastimenti rreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2009.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk, kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, u t-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art ikunu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi fih għall-2009 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandu jkun ipprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Fokion FOTIADIS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd⁽¹⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.⁽²⁾ ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.

ANNEX

Nru	31/T&Q
Stat Membru	Franza
Stokk	BFT/AE045W
Speċi	Tonn (<i>Thunnus thynnus</i>)
Żona	L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45o W, u l-Mediterran
Data	11 ta' Novembru 2009